# Ippjana bil-quddiem jekk inti f'riskju ogħla ta' mard sever mill-COVID-19 u l-influwenza

## Inti f'riskju ogħla ta' mard sever mill-COVID-19 u l-influwenza?

### Dan jinkludi:

- Nies minn 60 sena jew aktar
- Nisa tqal
- Aboriġini, nies tal-Gżira tal-Istrett ta' Torres u nies tal-Gżejjer tal-Paċifiku
- Nies b'obeżità, dijabete, mard kardjovaskulari serju, mard kroniku tal-pulmun (inkluża ażżma severa li teħtieġ dħul fl-isptar fl-aħħar 12-il xahar), mard kroniku sever tal-fwied jew tal-kliewi, kanċer attiv jew li għandhom immunità dgħajfa
- Xi nies b'diżabilità inklużi dawk b'diżabilità li taffettwa l-pulmun, il-qalb jew is-sistema immuni tagħhom
- Residenti ta' faċilitajiet ta' kura tal-anzjani jew tad-diżabilità
- Nies minn 18-il sena jew aktar li mhumiex imlaqqma.

Jekk timrad, it-tabib tiegħek jista' jirrakkomanda mediċina antivirali biex jgħinek tfieq.

Ikollok bżonn tieħu din il-mediċina kemm jista' jkun malajr wara li timrad.

Ippjana minn qabel u kellem lit-tabib tiegħek issa dwar jekk l-antivirali humiex tajbin għalik.

Jekk għandek xi tħassib dwar is-saħħa u teħtieġ sapport lingwistiku ċempel lil TIS **131 450** u staqsi għall-NSW Health Flu u COVID-19 Care at Home Support Line fuq **1800 960 933**.

**Żur www.nsw.gov.au għal aktar informazzjoni.**



© NSW Health May 2022.